MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-23 ta' Mejju, 2008

Numru 11/2007

**Frances Dalli**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fit-12 ta' Novembru, 2007, l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru,
>
> Ra d-decizjoni tad-Direttur tas-Sigurta' Socjali tat-2 ta' April 2007.
>
> Ra l-ittra ta' l-appell.
>
> Ra r-risposta ta' l-appell tad-Direttur datata 18 ta' Lulju 2007, flimkien mad-dokumenti kollha esebiti.

Ra r-rapport ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjoni.

Ra x-xhieda ta' l-appellanti.

Ikkunsidra:

Illi permezz ta' decizjoni moghtija minnu fit-2 ta’ April 2007 id-Direttur tas-Sigurta' Socjali ddecieda li l-appellanti ma kinitx aktar intitolata ghall-Pensjoni tal-Eta` (Mhux Kontributorja) peress li ma kienx sodisfatt li l-appellanti kienet qed tabita fl-indirizz moghti minnha.

Illi mir-rapport mahluf ta’ l-Ispetturi tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet jirrizulta li meta l-Ispetturi marru fl-indirizz 326, Triq iz-Zewg Mini, Senglea, fl-1 ta' Marzu 2007, fis-7.30am, liema indirizz jappartjeni lil Emanuel Dalli, huma habtu mal-bieb u sabu l-appellanti hemmhekk flimkien ma’ Emanuel Dalli li kien go 'wheelchair'. L-appellanti u Emanuel Dalli huma separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni personali datat 30 ta' Marzu 2000.

Jirrizulta li kien hemm diversi hwejjeg u oggetti ohra ta' mara gol-gwardarobba li kienet tinsab fil-'double bedroom' fl-ewwel sular. Emanuel Dalli jaghmel uzu biss ta' kamra fil-'ground floor'. Mitluba fejn kien it-tifel taghha li suppost kien qed jiehu hsieb lil missieru, l-appellanti qalet li dan kien ghadu rieqed.

Illi meta l-appellanti giet mitluba sabiex tiehu l-Ispetturi fl-indirizz fejn kienet qed tabita, u cioe 320, Flat 2, Triq iz-Zewg Mini, Senglea, hija qalet li ma kellux ikun problema sakemm it-tifla taghha ma kinitx harget tixtri. Jidher li l-appellanti ma kellhiex cwievet sabiex tidhol f’dan l-indirizz u meta bdiet thabbat mal-bieb, fethitilha mara u ghalqu l-bieb warajhom minghajr ma hallew lis-

Spetturi jidhlu. Wara ftit l-appellanti fethet ghall-lspetturi. Imbaghad, mitluba sabiex turihom fejn torqod u fejn izzomm il-hwejjeg taghha, l-appellanti wriethom id-'double bedroom' tat-tifla taghha, u kellha titlob lit-tifla taghha sabiex din turihom il-hwejjeg taghha.

Mix-xhieda ta' l-lspettur tad-Direttorat tal-Frodi u Investigazzjonijiet, jidher li l-appellanti ma wriethomx fejn kienet qed torqod fl-indirizz moghti minnha, u fil-fatt apparti l-kamra tas-sodda tat-tifla ta' l-appellanti, l-lspetturi ma raw l-ebda kamra tas-sodda ohra.

Min-naha taghha, l-appellanti xehdet li hija tirrisjedi fl-indirizz 320, Flat 2, Triq iz-Zewg Mini, Senglea, flimkien mat-tifla taghha, u li hi torqod u zzomm il-hwejjeg taghha fil-kamra tas-sodda tat-tifla taghha li dahlu fiha l-lspetturi.

Mistoqsija kif kienet tinsab fid-dar tar-ragel taghha li minnu hija tinsab separata, meta gew l-lspetturi, hija xehdet li ghandha dritt tidhol hemm gew sabiex tara lit-tifel taghha. Hija xehdet li fl-indirizz fejn tirrisjedi, hemm tlett ikmamar tas-sodda, u li hija ma kenitx uriet dawn il-kmamar lill-ispetturi ghaliex it-tifla ma kenitx ghadha qasmet dawn il-kmamar. Hija spjegat li kellha thabbat sabiex tidhol fid-dar taghha ghaliex kienet halliet ic-cwievet warajha.

Illi tenut kont ta' dan kollu, jidher ampjament car illi l-appellanti effettivament ma tirrisjedix fl-indirizz moghti minnha.  Dan jidher car minn diversi fatti, u partikolarment, li kmieni filghodu meta l-lspetturi ghamlu l-inspection taghhom, huma sabu lill-appellanti fid-dar ta' l-ex ragel taghha.  Sabu hwejjeg u oggetti ohra ta' mara fil-kamra tas-sodda li ma kinitx qed tintuza la mit-tifel taghha u lanqas mir-ragel taghha.

> L-appellanti ppruvat tiggustifika l-fatt li kienet hemmhekk dak il-hin billi qalet li marret biex tara t-tifel, izda dan kien ghadu rieqed. Ta' min isemmi li l-indirizz moghti mill-appellanti huwa biss xi ftit bibien ‘il boghod mill-indirizz tar-ragel taghha, u ghalhekk biex tara t-tifel taghha wiehed jimmagina li dan jista' facilment imur ghandha, minnflok li hi tmur fid-dar tar-ragel taghha li minnu hija tinsab separata!
>
> Izda l-izjed haga li turi li l-appellanti ma kinitx qed tirrisjedi fl-indirizz moghti minnha hija li fl-ewwel lok meta mitluba biex turi dan il-post lill-Ispetturi hija lanqas biss kellha c-cavetta tal-post. Kellha thabbat mal-bieb u mbaghad taghlaq il-bieb f'wicc l-ispetturi, x'aktarx sabiex tkun tista' tipprepara u tinforma lit-tifla taghha illi kienu gew l-Ispetturi. U mbaghad meta mitluba sabiex turi fejn torqod u fejn izzomm il-hwejjeg taghha, l-appellanti ovvjament ma kinitx f’pozizzjoni li taghmel dan.
>
> Ghal dawn il-motivi, id-decizjoni tad-Direttur hija wahda gusta u ghandha tigi konfermata, u ghalhekk dan l-appell qed jigi michud.”

Appellat minn din is-sentenza r-rikorrenti Frances Dalli bl-aggravji hekk koncepiti:-

(1) Stante li l-attwali procedura kienet konnessa ma’ dik l-ohra ko-involgenti t-tifel taghha Emanuel Dalli u la l-kaz ta’ dan gie favorevolment milqugh, kellu jsegwi illi anke l-gravam taghha sottopost lill-Arbitru kellu jkollu l-istess ezitu;

(2) L-Arbitru ghamlet ukoll apprezzament zbaljat tal-provi ghaliex kellha titwemmen il-versjoni taghha illi fl-okkazjoni ta’ l-ispezzjoni mill-Ispetturi hi kienet insiet warajha c-cwievet tal-fond li fih kienet effettivament tirrisjedi;

Il-fatti antecedenti ghall-appell interpost mir-rikorrenti quddiem l-Arbitru kienu dawn:-

(1) L-appellanti kienet ir-recipjenti ta’ beneficcju tal-Pensjoni ta’ l-Eta` (Mhux Kontributorja);

(2) L-appellanti u zewgha kienu mifruda minn xulxin skond kuntratt ta’ separazzjoni konsenswali tat-30 ta’ Marzu, 2000, atti Nutar Dottor Margaret Heywood;

(3) Fl-1 ta’ Marzu, 2007 saret investigazzjoni permezz ta’ l-Ispettorat tad-Dipartiment fir-residenza ta’ zewg l-appellanti, u fuq il-bazi tar-rapport taghhom id-Direttur appellat issospenda l-beneficcju allokat lill-appellanti bil-motiv li hi ma kienetx qed tabita fil-fond indikat minnha;

Premess dan, bl-ewwel aggravju taghha l-appellanti tippretendi illi l-fatti accertati mill-Arbitru fil-kaz ta’ Emanuel Dalli, li, separatament, appella kontra d-decizjoni tad-Direttur li waqqaflu l-beneficcju tal-Pensjoni tal-Wens, kellhom jigu ri-uniti ma’ dak tal-kaz taghha in kwantu vertenti ghac-cirkostanzi rilevanti tal-gravam taghha;

Issa din il-Qorti tasal biex taccetta l-proposizzjoni illi in tema tad-disponibilita` u tal-valutazzjoni tal-provi l-Arbitru, bhal kull gudikant iehor, u sakemm dan mhux vjetat minn xi ligi, jista’ jiffonda l-konvinciment tieghu anke fuq provi rakkolti f’ gudizzju iehor, ko-involgenti l-istess partijiet u anke partijiet ohra. Dan, dejjem, s’ intendi jekk il-gudikant ikun jidhirlu li dawk il-provi f’ dak il-gudizzju l-iehor ikollhom elementi indizzjarji u idoneji ghall-formazzjoni tal-gudizzju tieghu. Ikollu jinghad, pero`, li hawnhekk, f’dan il-kaz, dawk il-provi f’dak il-gudizzju ta’ Emanuel Dalli u l-apprezzament dwarhom mill-Arbitru f’dak l-istess gudizzju, ma setghux ikollhom ebda valur utli jew ta’ xi fonti determinanti, la ghall-accertament tal-fatt kontrovers u lanqas ta’ rilevanza ghall-iskop tal-konvinciment ta’ l-Arbitru fil-gudizzju prezenti. Certament, il-fattispeci tal-kaz

odjern ma kienux jiddependu, ghall-valutazzjoni adegwata taghhom, fuq l-ezitu ta’ dawk il-proceduri l-ohra;

Il-hsieb tal-Qorti hawn manifest u espress hu indott mill-kunsiderazzjoni u evalwazzjoni tar-rizultanzi istruttorji fil-kaz partikulari. Is-success ta’ l-appellanti ghall-akkoljiment tal-gravam taghha quddiem l-Arbitru ma kienetx tiddependi mill-konstatazzjoni maghmula illi Emanuel Dalli kien qed jiehu kura ta’ missieru, imma biss u esklussivament fuq jekk l-appellanti rnexxilhiex, konvincentement, tiddizempenja l-oneru tal-prova inkombenti fuqha, fil-kontestazzjoni tar-rapport ta’ l-Ispetturi, li turi, ghas-sodisfazzjon ta’ l-Arbitru, li hi verament kienet tirrisjedi fil-fond minnha indikat u mhux ukoll f’ dak fejn kien joqghod zewgha. Dan hi, fil-fehma tal-Qorti, ma rnexxilhiex taghmlu;

Il-kwestjoni finalment tirraduci ruhha ghal wahda tal-valutazzjoni tar-rizultanti ottenuti mill-provi. Apparti l-kaz tal-prova legali, fl-ordinament procedurali taghna quddiem qorti jew kwalsiasi tribunal iehor, il-valutazzjoni tal-materjal probatorju hi dejjem wahda bazata fuq dik tal-konvinciment liberu. F’ dan l-ezercizzju, naturalment, jassumu importanza qawwija l-gudizzju tal-verosimiljanza u dik ta’ l-attendibilita` tax-xhieda;

Issa, kuntrarjament ghal dak ritenut mill-appellanti bit-tieni aggravju taghha, l-Arbitru, f’dan il-kaz, ma kkampatx ruhha fuq il-prova singolari tan-nuqqas, o meno, tal-produzzjoni tac-cwievet tal-fond fejn hi tallega li tabita izda wkoll estrajiet korroborazzjoni ghal parti decizorja tas-sentenza taghha fuq dawn l-elementi ta’ provi:-

(1) Kienet l-istess appellanti li fl-ispezzjoni kondotta fis-7:35 a.m. inkontrat lill-Ispetturi li accedew fil-fond ta’ l-ex-ragel taghha;

(2) Kienet ukoll l-istess appellanti li meta in segwitu sar l-access fil-fond l-iehor allegat minnha ma

gharfetx tindika lill-ispetturi la fejn kienet torqod u lanqas fejn izzomm hwejjigha;

(3) Kombinat ma’ dawn hemm, imbaghad, il-fatt accertat mir-rapport ta’ l-Ispetturi illi fil-fond ta’ zewgha kien hemm fil-gwardarobba “*a mixture of male and female clothing, a pair of female clogs and perfumes next to a double bed*”. Din il-parti tar-rapport ma tirrizultax li giet kontraddetta mill-appellanti fid-deposizzjoni taghha quddiem l-Arbitru;

Dawn il-fonti ta’ prova appena elenkati kienu wkoll, flimkien mal-prova l-ohra tan-nuqqas ta’ cwievet tal-fond l-iehor, iservu ta’ strument ta’ valutazzjoni ghad-definizzjoni u c-certezza tal-materja kontrovertita. Flimkien konsiderati, kienu, ragonevolment, jikkostitwixxu raguni sufficjenti ghar-rigett tal-gravam ta’ l-appellanti. Mhux il-kaz allura li din il-Qorti tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni raggunta mill-Arbitru.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata, ikkonfermata, bl-ispejjez jibqghu, kif hekk adottat minn din il-Qorti f’appelli ta’ din ix-xorta, bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------